**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016

**Talba numru 113/2015 AM3**
**Lista Numru: 31**

**Wembley Crane Hire Limited (C-5773)**
**St Andrews Road**
**St. Andrew**
**Vs**
**Leonard Cassar (K.I. 430758M) ezercenti l-kummerc**
**bl-isem 'Raca Enterprises'**
**32, The Warehouse,**
**Luigi Ellul Street,**
**Attard ATD 3021**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-Socjeta` attrici li permezz taghha qed titlob li l-konvenut jigi ordnat ihallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u sebghin ewro u sittin centezmu (€2,678.60c) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' krejn u trakk fuq struzzjonijiet tal-konvenut; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Jannar, 2014, u tal-mandat ta' sekwestru

kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax skont il-ligi, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li t-talba tas-Socjeta` attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-Socjeta` attrici; li Leonard Cassar personalment ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-Socjeta` attrici u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; li minghajr pregudizzju ghal fuq espost kienet is-Socjeta` RACA limited li dahlet fi ftehim mas-Socjeta` Wembley Crane Hire Limited. Li kontra dan il-ftehim is-Socjeta` rikorrenti baghtet crane ta' daqs izghar minn dak miftiehem u li kien hemm bzonn b'hekk ix-xoghol dik il-gurnata ma sarx, vista ta' dan il-fatt sar ftehim li Wembley Crane Hire Limited ma kienux se jitolbu hlas ghal gurnata tal-20 ta' Settembru, 2013 u ghalhekk Race Limited baghtet il-hlas ta' elfejn mija u tmienja u tmenin ewro u disghin centezmu (€2,188.90c) ghas-saldu. Dan ic-cheque gie ritornat. Illi l-ammont mitlub ta' elfejn, sitt mija u disgha u sebghin ewro u sittin centezmu (€2,679.60c) mhux dovut.

Ra x-xhieda ta' John Bonello a fol 9 et li permezz taghha xehed li huwa Managing Director fi hdan is-Socjeta` attrici li kellha relazzjoni ta' kummerc mal-konvenut fis-sens li f'Marzu, 2003 il-konvenut kien avvicina sabiex jikri crane. F'Settembru, 2013 rega avvicina lix-xhud biex jikri l-istess crane tal-ghamla 'gib' ta' mija u hames piedi tul li jkopri gholi ta' disa' sulari ekweivalenti ghal madwar tnejn u tletin (32) metru tul.

Il-crane inkera f'Marzu, 2010 li kellu jintuza fis-sit li qabel kien il-Magic Kiosk Sliema u li l-krejn kellu jerga jintuza fl-istess post. L-ewwel darba li mar biex jintrama dan il-crane fuq l-post tax-xoghol kien inzerta li kien ir-rih u l-crane ma setghax jintuza u kellu jerga jizzarma mill-gdid. Il-crane jkollu d-driver tieghu u jkunu n-nies tas-Socjeta' attrici stess li jarmawh sabiex ikun jista jintuza. Imbaghad regghu gew mitluba biex imorru jergghu jarmawh xi jumejn wara u hekk sar.

Ix-xhud jghid li kien imsiefer meta kellu jerga jintrama l-crane u kellu wkoll xi mpjegati bil-leave, izda xorta gie armat l-istess crane izda f'xi hin mal-gurnata cempillu l-konvenut li l-gholi tal-crane ma kienx sufficjenti ghax skont hu d-direzzjoni 'l fejn kien qed jahdem kienet inbidlet mill-okkazjoni precedenti minhabba li taht il-post fejn kien

qed isir ix-xoghol hemm restaurant u anke hemm xi stands tat-taxi u beda jaqa' xi materjal u kellhom xi ilmenti u allura x-xoghol kellu jigi modifikat. Dak inhar kien hemm xi container li kien ikkonsenja xi materal li kellu jigi mtella u mqieghed fil-post u minhabba dan it-tibdil fid-direzzjoni ta' kif kien ser jintuza l-crane dan il-materjal ma setghax jittella f'postu ghax ma bediex ilahhaq mal-gholi. Huwa kien ssuplixxa lil konvenut bi trakk ta' sitta u ghoxrin (26) pied biex dan il-materjal jigi mghobbi ghal fuqu u hekk gara u wara t-trakk ttiehed fi-Depot taghhom. Ftehmu li jinbidel il-crane u hekk gara u l-parkegg ta' fejn kien ser jigi armat dan il-crane inbidel u ccaqlaq ghal Ferries. Dan sar bejn it-Tlieta sal-Hamis pero` intalab ihalli l-crane ghal guranta ohra stante li x-xoghol ma kienx ghadu lest.

Il-konvenut meta x-xoghol tlesta staqsih jistax juzah ghal jum tal-Hadd u x-xhud accetta.

Il-crane kien armat fil-parkegg tal-Ferries u meta huwa talab lil parker biex dan il-crane jigi zarmat is-Sibt il-parker ma riedx jaf u nforma b'dan lil-konvenut u ghalhekk il-crane gie zarmat il-Gimgha.

Wara beda jibghat il-kontijiet ghal hlas u l-konvenut talbu biex imur ikellmu. Lesta l-ircevuta fiskali mieghu ghax haseb li ser ihallsu izda meta wasal il-konvenut talbu l-ircevuta u qal lis-segretarja tieghu taralu fuq il-kalendarju meta kien hemm il-wardens fuq il-post ta' dan il-crane. Ix-xhud qallu li fil-gurnata tal-Gimgha ma kienx hemm wardens stazzjonati ma' dan il-crane u li l-crane xorta ntuza u li ghalhekk ix-xhud qallu li kien intitolat ghal hlas u fakkru li ghalkemm il-crane kellu jintuza bejn it-Tlieta u l-Hamis kienu ftehmu li jekk ikun hemm min igiblu l-materjal setghu jkomplu bix-xogholijiet fil-jum tal-Gimgha u hekk sar. Wara l-konvenut biddel id-diskors u beda jghidlu li ma jridx ihallas ta' meta l-crane gie armat minhabba li kienet inbidlet id-direzzjoni li kienet ser jintuza u ma bediex ilahhaq mal-gholi li kien hemm. Fil-fattura kien inkluda l-hlas dovut ghal dan is-servizz ukoll u kien hemm charge mhux ghal gurnata shiha izda sas-saghtejn ta' wara nofsinhar, minhabba li kien ipprova trakk biex jinhatt il-materjal ghal fuqu u inzamm ghandu ghal jumejn u l-istess trakk rega mar lura bil-materjal. Ix-xhud jaghmilha cara li l-hlas li kien qed jippretendi kien ghal kiri tal-crane u mhux ghal dan l-iskarigg kollu tat-trakk. Il-konvenut insista mieghu li jhallas pero` mhux tal-gurnata meta l-crane ma setax jintuza u beda jinsisti mieghu li tinhareg

credit note f'dak ir-rigward izda x-xhud insista li jrid il-hlas tal-ammont kollu u spicca telaq minghajr flus. Huwa spjega li l-kommunikazzjoni dejjem saret mieghu u lilu sab fuq il-lant tax-xoghol meta mar biex jarma l-crane u anke l-ufficcju lilu sab meta mar biex jigbor il-flus u l-fattura giet indirizzata lilu personalment.

A fol 13 l-istess xhud rega xehed u pprezenta l-kont li hareg lil konvenut dok JB1 a fol 17 u l-ittra bl-Avukat li ntbaghtet lil konvenut Dok JB2 a fol 18. Il-kont hareg f'isem Raca Enterprises u dan fuq talba tal-istess konvenut.

A fol 14 xehed Matthew Ticehurst, impjegat mas-Socjeta` attrici li xehed bil-lingwa Ingliza stante li ma jafx bil-Malti u ghalhekk ix-xhieda tieghu qed tigi riprodotta bil-lingwa Ingliza.

"*The witness stated that he was sent by the plaintiff company on site along with a crane on the site in question and they encountered some difficulties: first time with the taxi driver and on the same occasion when they were taking up some material it started falling onto a restaurant nearby where they were parked. The restaurant owner filed a complaint with the police and the police came on site and they had to stop the works. The crane remained on site however they encountered another problem due to the fact that they had to lift up some tiles which the owner brought on a truck and they were too heavy to carry up to the floor that was intended*.

*The witness confirmed that the crane that was sent on site was sent to lift these tiles up to the intended floor however he was informed that the owner of these tiles wanted them to be lifted to a higher floor and they were too heavy to be carried up at that level. The tiles were removed from the truck and placed in the car park, lifted onto a tractor sent by Mr Bonello and reloaded onto a truck and taken away. Eventually the works were carried out up on a lower floor. It was the defendant who requested these tiles to be lifted to a higher floor and the crane could not reach that level.*

*On cross examination, the witness stated that he was not involved in the negotiations. He agreed that it is the crane driver that gives an account to the employer about the time employed in the service and the actual work done on that particular day. He explained*

*that they met resistance from the taxi drivers as they did not want to move but eventually they moved off and set up the crane. This took half an hour until the taxi drivers moved away. The episode with the restaurant owner happened when they had been operating the crane all morning and it happened when a truck came with some further material to be lifted to the higher floors and it was at that stage that some materials started fallen down onto the restaurant and that was when the restaurant owner intervened and stopped them from upgrading further. The witness could not recall how many days in total they worked on site or the day when the police intervened but he could remember that it was when some tiles were brought and unloaded into the car park. He explained that besides tiles, bags of cement also had to be lifted and he recalled that the fork lifter was lifting pallets with the material on it and that if not mistaken, there were ten pallets for such tiles".*

A fol 22 et xehed il-konvenut li spjega li huwa ma hallasx ghax ix-xoghol ma sarx minhabba nuqqas da parti tas-Socjeta` attrici. Huwa spjega li cempel lis-Socjeta` attrici li ghandu ghaxar (10) pallets madum li ried itellghhom gol-binja ta' sit tieghu Tas-Sliema u ghamilha cara li ghandu ghaxar (10) pallets madum li ried jitqassam is-sulari kollha u gibitlu l-attenzjoni li hemm gholi ta' tmien sulari. Ix-xhud John Bonello gieli hadimlu fuq l-istess sid u kien mar jara l-gholi l-ewwel darba.

Dak inhar iltaqghu fuq il-post u huwa mal-ewwel ra li l-crane ma kienx ta' qisien bizzejjed ghal dan l-gholi u meta staqsa lil crane operator jekk kienx bizzejjed qallu li ma jahsibx pero` ha jipprova. Kien ser itella kemm jista fis-sulari li jlahhaq u l-kumplament igib l-container il-kbir hu u jtellghu gurnata ohra. Meta staqsih ghaliex ma gabx il-kbir mill-ewwel huwa rrispondih li ma jafx jopera l-kbir hu u min ihadmu certu persuna Bulgara kien qieghed Ghawdex. Sadanittant il-burdnar beda johrog il-pallets tal-madum mill-container u jaghmilhom mal-art fit-triq fil-genb hu fil-car park peress li tat-taxi bdew igorru li l-klijenti ma jkunux jistghu jaraw li hemm servizz tat-taxis.

X'hin beda tal-crane itella' il-pallets, il-furketta tal-pallets ma bedietx taqbillu minhabba li ma kienetx kompatibbli ghax li kellu kienet ghal Euro Pallet. X'hin staqsih ghaliex ma jghidx lil xi hadd igiblu wahda malajr hu rrispondih li kienet fuq il-crane l-kbir. Huwa ma setghax ihalli l-madum barra minhabba sigurta` u peress li l-burdnar tieghu kien

ghadu hemm qabdu juza l-forklifter tieghu biex itella` il-pallets tal-madum fuq it-truck ta' Wembey biex jiehdu fil-yard u jigi bih meta jkollhom crane adattat. Din hija l-gurnata jghid l-konvenut li ma hallasx ghaliha u meta ta c-cheque lil John Bonello fl-ufficcju tieghu huwa ma accettahx. L-ebda madum jew xoghol iehor ma ttella dak inhar anzi wehel spejjez tal-permess tal-Kunsill u l-wardens talli l-burdnar refa' x-xoghol fuq it-truck. Xi granet ta' wara gabu l-crane l-kbir bil-furketta t-tajba u l-madum tela' kollu minghajr problem u l-granet l-ohra ittellghu affarijiet ohra bhal siment, ramel etc. Ghalhekk huwa ma jistax ihallas ta' xoghol li ma sarx b'negligenza u b'nuqqas tal-kumpanija attrici.

In kontro-ezami l-konvenut xehed li l-crane li hadimlu qabel kien il-crane l-kbir li kien ilahhaq sa fuq nett sa fejn kellu jlahhaq. F'din l-okkazjoni l-ewwel darba kien crane izghar u ma lahhaqx is-sulari kollha. Jinnega li dejjem l-istess crane ingab. Jammetti li f'okkazjoni minnhom il-crane kellu jizzarma izda jammetti li kien hemm drabi fejn il-crane gie armat fil-parking area tal-faccata u drabi ohra gie armat fejn kien hemm it-Taxi Stand pero` f'liema darba ma kienx hemm ir-rih ma jiftakarx. Jiftakar izda li l-ewwel darba li ngab il-crane z-zghir kien armat fejn it-Taxi Stand meta ma lahhaqx u meta ntrama fil-parking area lahhaq ix-xoghol ghax kien l-crane l-kbir. Fuq insistenza tal-Avukat tas-Socjeta` attrici li dejjem kien l-istess crane, il-konvenut wiegeb l-ewwel darba li gie ma kienx l-istess crane u l-misunderstanding kien min-naha taghhom. Huwa rega spjega dan il-fatt u li meta staqsha lid-driver tal-crane z-zghir ghaliex ma gabux il-crane tas-soltu huwa wiegbu li l-operatur tieghu jinsab Ghawdex. X'hin il-burdnar tieghu nizzel l-ghaxar pallets madum biex jitilghu fuq fis-sulari li setghu jtellghu u mhux sas-sulari kollha ghax ma lahhaqx, l-apparat li jtella l-pallets ma kellux u ma setghax itellaghhom u kieku setgha kienu ser itellghu erba' sulari minnhom. Dak inhar xoghol ma sar xejn u ghalhekk ta' dik il-gurnata ma jridx ihallas. Spjega li huwa lest ihallas izda mhux ta' dik il-gurnata li ma sarx xoghol.

Meta muri l-ittra tal-24 ta' Jannar, 2014 Dok LC1 a fol 29, u li fiha stqarr li lest li jhallas elfejn mija u tmienja u tmenin ewro (€2,188) vat inkluz basta li jkollu credit note ta' erba' mija u hmistax-il ewro (€415) eskluz vat huwa jikkonferma dan u kkonferma wkoll li kien ghaddielu dan ic-cheque ta' elfejn mija u tmienja u tmenin ewro (€2,188) vat inkluz izda Bonello irrifjutah.

Fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2016 il-partijiet ghalqu l-provi taghhom u nghataw xahar zmien kull wiehed biex jaghmlu noti liema noti huma baqghu qatt ma ghamlu.

Ikkunsidra,

Li din hija talba ghal hlas ta' servizz moghti mis-Socjeta' attrici lil konvenut fl-ammont ta' elfejn sitt mija u tmienja u sebghin ewro u sittin centezmu (€2,678.60c) u li minnha l-konvenut jammetti li dejjem kien lest li jhallas ta' elfejn mija u tmienja u tmenin ewro (€2,188) vat inkluz izda mhux is-somma ta' erba' mija u hmistax (€415) ta' dik il-gurnata li skont hu ma sarx xoghol. Ghaldaqstant stante li hemm ammissjoni tal-istess konvenut dwar dan l-ammont dan it-Tribunal qed jillimita d-decizjoni dwar is-somma ta' erba' mija u hmistax-il ewro (€415) li ma hemmx qbil dwarha.

Ghaldaqstant ukoll dan it-Tribunal ma jistghax jilqa' l-eccezzjonijiet ta' natura prelimari tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-Socjeta' attrici u t-tieni eccezzjoni li kienet is-Socjeta' RACA Limited li ngarigat lis-Socjeta' attrici u mhux hu personalment stante li l-konvenut fix-xhieda tieghu dejjem irrefera ghalih innifsu meta xehed li dejjem kien lest li jhallas l-ammont ridott u qatt ma rrefera ghal kumpanija Raca Limited.

Jibqa ghalhekk li jigi deciz dwar liema wahda miz-zewg verzjonijiet dan it-Tribunal jista jasal mil-provi prodotti jasal li hija dik verosimili .

Illi dwar provi fil-kamp civili jigi rilevat li:

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-

probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa u ghoxrin (25) t'April, 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja u ghoxrin (28) t'April, 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta'presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

F'dan il-kaz is-Socjeta` attrici permezz tax-xhud John Bonello dejjem baqa' jsostni li baghat l-istess tip ta' crane u jammetti wkoll li  li kien imsiefer meta gie armat il-crane u li kellu xi impjegati bil-leave izda jghid li rema' l-istess crane meta irceva telefonata mill-konvenut li l-gholi ma kienx sufficjenti ta' dan il-crane u dan ghax kellhom jahdmu f'post iehor minhabba l-ilmenti tat-taxis u tar-restaurant u huwa jammetti li l-crane inbidel u ccaqlaq ghal ferries.

Filwaqt li Bonello jsostni li l-crane inbidel mhux tort tieghu izda ghax il-crane ccaqlaq ghal Ferries minhabba l-ilmenti tat-taxis li ghandhom l-istand hdejn fejn qabel kien il-Magic Kiosk, Sliema u tar-restaurant qrib l-istess stand u minhabba r-rih,  il-konvenut jghid li dan gara ghax il-konvenut ma baghatx l-istess crane li kien jibghat is-soltu u li hija tajba ghal disa' sulari.  Huwa jikkontendi li kien hemm gurnata fejn xoghol ma sarx ghax is-Socjeta' attrici baghtet crane zbaljata u mhux ghax kien hemm ir-rih u x-xoghol kellu jsir mill-Ferries u ghalhekk kien hemm bzonn ta' crane akbar .  Il-konvenut jghid li ghamilielu cara li l-crane irid ikun adattat ghal tmien sulari,  fl-ittra tieghu l-konvenuta isemmi disa' (9) sulari (a fol 29) mentri Bonello jghid li l-ordni kienet ghal mija u hames (105) piedi u ghalhekk baghatlu crane li ttella sa tnejn u hamsin (52) metru gholi.  L-impjegat tas-Socjeta` attrici mill-banda l-ohra Matthew Ticehurst kkonferma li l-crane ma kienx tajjeb ghal dak li ried il-konvenut l-ewwel ghax skont hu:  *"The crane remained on site however they encountered another problem due to the fact that they had to lift up some tiles which the owner brought on a truck  and they were too heavy to carry up to the floor that was intended,* u kkonferma wkoll li:  *The crane that was sent on site was sent to lift these tiles up to the intended floor however he was informed that the owner of these tiles wanted them to be lifted to a higher floor and they were too heavy to be carried up at that level.  The tiles were removed from the truck and placed in the car park, lifted onto a tractor sent by Mr Bonello and reloaded onto a truck and taken away.  Eventually the works were carried out up on a lower floor.  It was the defendant who requested these tiles to be lifted to a higher floor and the crane could not reach that level".*

Dan l-impjegat pero` ma kienx jaf xejn dwar x'arrangamenti saru bejn il-partijiet.

Il-fiscal invoice mahruga mis-socjeta attrici a fol 17 turi li l-crane suplit kien dejjem ta' 54/60 u li skont ricerka li saret minn dan it-Tribunal dan ghandu tul ta' tlieta u tletin

punt hames (33.5) metri u mija u ghaxar (110) piedi u gholi ta' wiehed u hamsin punt tmien (51.8) metri cioe` mija u sebghin (170) pied. Fl-invoice ma saret ebda referenza ghal crane izghar li ghall-ewwel jirrizulta anke mill-impjegat stess li kienet twahlet fuq il-post. Illi ghalhekk it-Tribunal jemmen il-verzjoni tal-konvenut meta jghid li l-ewwel crane kienet zghira u ma kienetx tajba ghax-xoghol miftiehem.

Jonqos ghalhekk li tigi kunsidrata jekk dan sar ghax skont is-Socjeta' attrici kellu jiccaqlaq minn fejn kien originarjament kellu jankra jew ghax skond il-konvenut l-ordni kienet ta' crane ghal tmien sulari u l-ewwel crane ma kienx tajjeb biex jitla dak l-gholi. Dan it-Tribunal wara li qies u fela l-provi prodotti jasal biex jemmen il-verzjoni tal-intimati aktar u aktar meta x-xhud tas-Socjeta` attrici John Bonello jammetti li biddel il-crane u li tali bidla ma tirriflettix fil-fiscal invoice li baghat lil konvenut. Kieku verament l-ewwel crane kienet tajba ghax-xoghol intiz ma kienx ikollu ghalfejn ma jsemmix dan fl-istess fiscal invoice.

Ghalhekk dan it-Tribunal qed isib li l-konvenut kien gustikat meta jnaqqas dik il-gurnata fejn ma sarx xoghol. Dwar l-imghaxijiet dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Appell Inf per Philip Sciberras kawza nru 012/1999 deciz fis-17 ta' Frar 2003 fl-ismijiet: **Fogg Insuracne Agencies Limited noe et vs Paul Tabone** fejn il-Qorti rritenniet li f'kaz ta' fejn ma hemmx likwidazzjoni danni l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-konvenut tal-avviz uli f'dan il-kaz il-konvenut gie notifikat fis-16 ta' Dicembru, 2015. L-argument tal-konvenut li huwa ghamel cheque lis-Socjeta' attrici u dan gie ritornat lilu ma jezonerahx milli jhallas l-imghax liema ezonerazzjoni setghet issir kieku l-konvenut ddepozita tali ammont taht l-Awtorita' tal-Qorti haga li ma tirrizultax li ghamel.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, u jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn mija tmienja u tmenin ewro u disghin centezmu (€2,188.90c) bl-imghaxijiet jibdew jghoddu mid-data tan-notifika tal-avviz cioe` mis-16 ta' Dicembru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez f'dan il-kaz ikunu kwantu ghal zewg terzi sopportati mil-konvenut u terz mis-Socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**